TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/28/16/S

Myriam Pace
Vs
Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles and Marble Centre

Illum 28 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Myriam Paceipprezentata fit-2 ta'Frar,2016 filwaqt li l-intimat baqa' ma pprezentax risposta bil-miktub;

Ra d-dokumenti prezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-26 ta'Mejju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' madum li wara li dan il-madum wasal minn barra, ir-rikorrenti indunat li ma kienx 'rectified' izda 'semi-rectified';

Illi fil-mertu, jinghad mal-ewwel li l-ordni tal-madum kienet saret u konkluza u li l-ilment sar wara li kienet saret l-ordni u meta kien wasal Malta l-madum ordnat;

Illi r-rikorrenti kellha kull cans tezamina u tiddeciedi fuq dak li riedet tordna u setghet ukoll tiehu l-pariri necessarji qabel taghmel tali ordni;

Illi ma tressqux provi li r-rikorrenti inghatat xi informazzjoni zbaljata daparti tal-intimat;

Illi t-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ma rnexxiliex tipprova dak minnha allegat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Myriam Pace u Jordna li l-intimat johrog 'credit note' bil-miktub fl-ammont ta' €1600.00 favur ir-rikorrenti jew kwalunkwe terz kif deciz mill-istess rikorrenti, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

CCT/79/16/S

Michael Casha
Vs
Dr.Anthony J.Fenech

Illum 28 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michael Casha ipprezentata fit-13 t'April,2016 u r-risposta ta' Dr.Anthony J.Fenech ipprezentata fit-3 ta'Mejju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fid-9 ta'Gunju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'hearing aid' li r-rikorrenti qed jallega li kienet difettuza filwaqt li l-intimat jikkontendi li l-'hearing aid' jahdem sew;

Illi fl-ewwel lok jinghad li kulhadd ghandu d-dritt li jressaq ilment skont dak li tipprovdi l-ligi u li hadd inkluz kull professjonist, ma hu ezenti;

Illi l-ilment principali tar-rikorrenti jirrigwarda 'hearing aid' li skont hu, hu difettuz u jaghmel hsejjes;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni f'ilment simili ghal dak tar-rikorrenti;

Illi biex l-azzjoni tar-rikorrenti tirnexxi, huwa ried jipprova li l-intimat ma tahx parir tajjeb jew li s-servizz moghti mill-konvenut ma kienx wiehed professjonali jew tal-livell li wiehed jistenna minn professjonist;

Illi skont Dr.Anthony J.Fenech, huwa nforma lis-Sur Casha li fl-opinjoni tieghu kellu jaghmel zewg 'hearing aids' u mhux wahda;

Illi kienet decizjoni unilaterali tar-rikorrenti li jaghmel 'hearing aid' wahda u mhux skont il-parir tat-tabib intimat, u cioe tnejn;

Illi mill-atti hemm prova li l-intimat informa lir-rikorrenti b'dan u partikolarment li 'hearing aid' wahda setghet ma tkunx bizzejjed[1];

Illi ma ingabet ebda prova mir-rikorrenti li l-'hearing aid' hi difettuza;

Illi l-gurisprudenza nostrana hi konkordi li tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, sakemm dana l-izball ma jkunx grossolan u sakemm il-hsara ma tistax tigi lilha addebitata minhabba nuqqas ta'prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias.*[2]

---

[1] Ara risposta tal-intimat (Pagna 4).

[2] "**John Cachia et vs Dr.Tancred Busuttil et**" deciza fis-27 ta'Novembru,2012 (PA, LFS); "**Savona pro et noe vs Dr.Asphar et**".

Il-gurisprudenza taghna hi kostanti f'dan is-sens. Fil-fatt kif tenut fid-decizjoni moghtija fit-18 ta'Lulju,1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Josephine Borg et vs Dr.Anthony Fiorini"**, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonkludiet li tabib mhux tenut ghal Danni rizultanti minn zball professjonali jekk dan l-izball ma jkunx grossolan u ammeno che l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' "*bonus pater familias*".

Illi kif spjegat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta'Mejju,2010 fl-ismijiet **"Tessie Ellul et vs Dr.Astrid Camilleri"** jinghad li:

*"…ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbah aktar in-natura ta'kuntratt, b'dan, pero li mit-tabib mhux mistenni dejjem rizultat pozittiv, ghax l-obbligazzjoni tieghu mhux dik 'di risultato' izda 'di mezzi', fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bhala li 'egli e' tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita esercitata esige (Corte di Cassazione d'Italia,21/7/1989, Kaz numru 3476). Dan ifisser li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirurgiku, xi haga, jigifieri mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta'dik ix-xorta…";*

Illi jinghad li hi responsabilita ta'kull pazjent li jara l-possibilita ta'success u r-riskji involuti filwaqt li hi responsabilita tal-professjonist li jispjega b'mod car l-implikazzjonijiet ta' kull procedura kif ukoll ic-cansijiet ta'success jew le;

Illi l-Qrati taghna kkonfermaw wkoll il-principju li min jaghmel kawza kontra professjonist bhal tabib u jallega li sofra hsara bi htija tieghu, ghandu l-obbligu li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni li tikkonferma l-htija tat-tabib;[3]

Illi dan kollu ma giex pruvat mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat;

Illi fil-kaz odjern, l-intimat baqa' juri d-disponibilita tieghu li jkun ta' servizz ghar-rikorrenti u dan tal-ahhar ghandu jiehu din l-offerta daparti tat-tabib intimat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Michael Casha filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Dr.Anthony J.Fenech, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[3] **"Calafato vs Grech"**, deciza fit-23 ta'Novembru,1921 mill-Qorti tal-Appell u riportata fil-Kollezzjoni Vol.XXIV-I-893.